MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Numru 337/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Liza Pace**
**Omissis**

Kumpilazzjoni Numru 337/2007

**Illum 9 ta' Jannar 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Liza Pace** ta' 31 sena, bint Generoso u Myrtle Francis nee Evans, imwielda Pieta fis-6 ta' Mejju 1975 u residenti

fil-fond Blk J Flat 5 Bini tal-Gvern, Hamrun u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 302775(M).

u

**Omissis**

Akkuzati talli fid-9 ta’ Novembru, 2006 ghal habta tal-hamsa neqsin kwart (16:45) ta’ wara nofsinhar, gewwa Triq Tigne, Tas-Sliema u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, dolozament flimkien ma’ persuna ohra kienu komplici fis-serq ghad-dannu ta’ Nathalie Vella u Frederick Pulis, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt Lira Maltin, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod iehor li kienu ndahlu biex ibieghu jew imexxuhom.

Rat l-artikoli 42, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-proceduri odjerni huma relatati ma’ kaz ta’ serq li kien sehh fid-9 ta’ Novembru 2006. Dak in-nhar certu Andrew Formosa kien seraq l-istereo ta’ zewg vetturi propjeta ta’ certu Frederick Pulis u Nathalie Vella rispettivament. L-imsemmi Andrew Formosa kien gie akkuzat bir-reati relattivi ghal dan l-incident u huwa ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi fil-proceduri odjerni l-imputata Lisa Pace qed tigu akkuzata li kienet komplici ma'l-imsemmi Andrew Formosa fis-serq ta' dawn iz-zewg stereos; ingiebet fil-konfront taghha ukoll l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni fir-rigward ta'l-oggetti misruqa minn Formosa.

Illi minbarra l-Ispettur li nvestiga l-kaz u s-surgent li kien prezenti waqt it-tehied ta'l-istqarrijiet ta' l-imputati taw id-depozizzjoni taghhom iz-zewg derubati u l-imsemmi Andrew Formosa; l-imputata Lisa Pace ghazlet li taghti d-depozizzjoni taghha ukoll.

Illi Fredrick Pulis xehed li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien halla l-vettura tieghu ipparkjata f'Triq Tigne Sliema waqt li kien xoghol; meta rritorna hdejn il-vettura tieghu wara x-xoghol huwa sab li xi hadd kien sgassa l-vettura u hadlu l-istereo. Ta' dan huwa ghamel rapport lill-pulizija.

Illi Nathalie Pulis xehdet li fil-gurnata in ezami hija kienet id-dar meta xi hadd cempel il-bieb u meta fethet rat lill-pulizija u kien b'hekk li saret taf li xi hadd kien sgassa l-karozza taghha u li kienu naqsu xi affarijiet mill-vettura, fosthom stereo li pero instab ftit 'l boghod taht karozza ohra.

Illi Andrew Formosa da parti tieghu jghid li huwa kien l-Msida ma' certu Veronique Borg Costanzi meta ra lill-imputata Lisa Pace ghaddejja bil-karozza taghha. Hu waqqaf lil Pace u talabha twasslu sa' Sliema; fil-fatt ma' Pace marru kemm Formosa kif ukoll Borg Costanzi. Meta waslu ta' Sliema, Formosa u Borg Costanzi niezlu mill-vettura u Formosa talab lil Pace tistennih pero qalla ukoll li jekk tara li ser idumu tibqa' sejra. Formosa kompla jispjega li huwa u Borg Costanzi marru jisierqu l-istereos u li meta kienu ghadhom fil-post gew il-pulizija; hu harab u mar id-dar pero eventwalment il-pulizija gew ghalih hemm.

Illi Formosa kompla jixhed f'dak li huwa ovvjament tentattiv biex jiskolpa lill-imputati Pace u Omissis. Huwa jammetti li meta kien qed jigi investigat kien hu li qal lill-pulizija li flimkien mieghu f'din is-serqa kien hemm l-

imputata Pace pero jghid ukoll li dak il-hin (meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija) hu kien ha l-impressjoni li kienet Lisa Pace li kixfitu (meta fil-verita kienet Borg Costanzi li kixfitu) u jista' jkun li f'mument ta' rabbja prova jimplika lilha ukoll f'dan is-serq. Dwar Omissis, Formosa jammetti li jafu, u spjega anke ic-cirkostanzi fejn kien jafu, pero jghid li ma jidhirlux li dak in-nhar Omissis kien fil-karrozza ta' Lisa Pace; jghid ukoll li huwa qatt ma tkellem ma' Pace jew Omissis dwar xi stereos jew CD's.

Illi fl-fehma tal-Qorti ghandu jigi rilevat mill-ewwel li Andrew Formosa ma tantx jista' jitqies bhala kredibbli f'dak li qal meta kien qed jaghti d-depozizzjoni tieghu; u dan il-Qorti tghidu mhux biss wara li kellha l-opportunita tara l-komportament tieghu waqt id-depozizzjoni imma anke tenut kont ta' dak li huwa qal. Formosa jghid li Lisa Pace ma kellha x'taqsam xejn ma' dan il-kaz; huwa talabha lift ghal ta' Sliema minghajr ma qallaha xejn dwar x'kienu ser jaghmlu huwa u Borg Costanzi. Pero jekk Lisa Pace ma kenitx taf li hu kien sejjer jisraq l-istereos u kienet ghal kollox estranja ghall-fatti, ma kien hemm xejn li Pace setghet tghid lill-pulizija fuq Formosa u ma setghet tikxfu f'xejn. Mill-provi prodotti lanqas hemm dubbju li fil-karrozza ta' Pace tul il-hin kollu li kien hemm Formosa kien hemm ukoll l-imputat l-iehor Omissis. Formosa pero, li jaf lil Omissis u kien ilu jafu ghal zmien mhux hazin, jghid li ma jiftakarx li Omissis kien fil-vettura.

Illi kif diga ntqal Lisa Pace tat id-depozizzjoni taghha. Hija tghid li kienet xtrat stereo minghand Formosa li ma kienx tajjeb; meta hija lmentat mieghu qallha biex tmur mieghu ghand habib tieghu li ghandu zewg stereos u biex hi taghzel wiehed minnhom. Hu, flimkien ma' mara li kien hemm mieghu Veronica Borg Costanzi, rikbu fil-karozza ta' Pace u marru f'post ta' Sliema li ndikalha hu; meta waslu hemm Formosa qal lil Pace biex tistennih nofs siegha u jekk ma jigiex titlaq 'l hemm. Formosa u l-mara l-ohra niezlu mill-karozza u ftit wara gew il-pulizija.

Illi Lisa Pace kienet irrilaxxjat zewg stqarrijiet waqt l-investigazzjoni ta' dan il-kaz. It-tlett verzjonijiet moghtija minn Pace (cioe f'l-istqarrijiet u waqt id-depozizzjoni

taghha) huma kollha differenti wahda mill-ohra b'mod li anke l-kredibilita taghha hija dubbjuza.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet in konsiderazzjoni huma dawk ta' komplicita f'serq u ricettazzjoni.

Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il-persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma'l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt[1].

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li Lisa Pace kienet taf x'kien sejjer jaghmel Alfred Formosa meta huwa talabha biex twasslu Sliema. Ghalkemm hija ma hargitx mill-vettura taghha fil-mument li Formosa kien qed jisraq hija rrendiet ruhha komplici f'dan is-serq ghaliex ghenet lil Formosa fit-twettieq ta' dan ir-reat billi wasslietu u baqghet hemm tistennih biex twasslu lura wara li jwettaq id-delitt. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-istereo li seraq Formosa kien ghaliha l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta'l-imputata Pace giet pruvata.

[1] Ref Pulizija vs Carmelo Agius Appell Kriminali deciz 24.05.2002

Illi t-tieni imputzzjoni hija dik ta’ ricetazzjoni u hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. La darba Lisa Pace qed tinstab hatja ta’l-ewwel imputazzjoni l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni fil-konfront ta’l-imputata Pace.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena li ghandha tinghata fil-konfront ta’l-imputata Pace l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja u l-fedina penali taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 42(d), 261(b)(c)(g), 263, 267 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata Lisa Pace hatja ta’l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u taghha tikkundannha sena (1) prigunerija li b’applikazzjoni 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta’ tmintax (18) il-xahar. Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputata stante li din hija alternattivi ghall-ewwel li taghha qed tinstab hatja.

Il-Qorti spjegat lill-imputata Lisa Pace l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------